31995D0541

23.12.1995 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 311/1

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## ta' l-4 ta' Diċembru 1995
## fuq il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u ħwejjeġ relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra

(95/541/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi, sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropei u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, minn naħa l-oħra, iffirmat fil-Lussemburgu fl-14 ta' Ġunju 1994, jeħtieġ li jiġi approvat il-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u ħwejjeġ relatati mal-kummerċ, bejn il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Ukrajna minn naħa l-oħra, iffirmat fil-Brussel fl-1 ta'Ġunju 1995,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ, bejn il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Ukrajna minn naħa l-oħra, flimkien mal-Protokoll u d-dikjarazzjonijiet huma hawnhekk approvati f'isem tal-Komunità Ewropea.

Dawn it-testi huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 36 tal-Ftehim Temporanju ([2]) f'isem il-Komunitajiet Ewropei.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Diċembru 1995.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. SOLANA

([1]) ĠU C 308, ta' l-20.11.1995.

([2]) Id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim Temporanju ser jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropei mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.